21 ta' Marzu, 1953

Imhallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paul Degiorgio

**Riċettazzjoni — Serq — Kompliċità — Provi — Art. 348 u 633 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fis-sistema ġuridiku malti, ir-reat ta' riċettazzjoni huwa, b'liġi, kunsidrat mhux bħala forma ta' kompliċità, iżda bħala reat "per se stante", għalkemm huwa punibili bil-piena tas-serq skond il-valur tiegħu; purkè si tratta ta' riċettazzjoni sempliċi, jiġifieri bla akkordju preventiv mal-ħalliel; għax diversament ir-riċettazzjoni taqa' taħt forma ta' kompliċità.*

*Għaldaqstant ir-riċettatur (meta si tratta minn riċettazzjoni sempliċi) mhux kunsidrat mill-liġi bħala kompliċi tal-ħalliel; u l-ġurisprudenza, almenu mis-sena 1911 l-hawn, dejjem segwiet din it-teorija.*

*Dwar il-kwistjoni jekk il-ħalliel huwiex kompliċi tar-riċettatur jista' jkun hemm xi dubju; però, anki taħt dan l-aspett, tidher aktar aċċettabili t-teorija ta' non-kompliċità.*

*Għaldaqstant, in linea ta' massima, ma tapplikax fil-materja r-regola li x-xhieda tal-kompliċi, jiġifieri tal-ħalliel kontra r-riċettatur, teħ-*

*tieġ korroborazzjoni, imma tapplika r-regola l-oħra illi xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika, huwa biżżejjed biex jikkonvinċi lill-imputat; u li kwindi x-xhieda tal-ħalliel, jekk emmnut, hija prova biżżejjed kontra r-riċettatur.*

*Imma, peress li bejn is-serq u r-riċettazzjoni hemm konnessjoni ferm stretta, ma hux prudenti, u lanqas konsiljabili, illi l-Imħallef, sija togat kemm popolari, joqgħod fuq ix-xhieda biss tar-riċettatur jew tal-ħalliel, meta din ma tkunx sostnuta b'xhieda diretta jew indiretta, jew inkella korroborata bix-xhieda ta' l-istess imputat, jew anki bl-atteġġjament tiegħu fiċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari.*

*Liema korroborazzjoni, li wieħed għandu jistenna bħala ħaġa prudenti u konsiljabili, ma hemmx bżonn li tkopri dak kollu li jgħid ix-xhud sospett, imma biżżejjed li tikkonferma xi partikulari sostanzjali li jimplika lill-imputat fir-reat.*

B'sentenza tagħha tat-23 ta' Diċembru 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat ħati ta' riċettazzjoni, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahrejn;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti, wara li eżaminat iddepożizzjonijiet, u wara li semgħet l-argumenti, ikkunsidrat:

Fost ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ġew prodotti Pio Fleri u Alfred Fucile, ċjoè t-tfal li serqu l-oġġetti riċettati u li biegħu l-oġġetti lill-appellant;

Id-difiża ssollevat il-pont illi dawn iż-żewġ xhieda għandhom jitqiesu bħala kompliċi, u kwindi li x-xhieda tagħhom, skond id-dispost ta' l-art. 633 (3) Kap. 12, teħtieġ konferma; u l-attenzjoni ta' l-Imħallef sedenti ġiet rikjamata għas-sentenza minnu stess mogħtija fil-kawża "Pul. vs. Anthony Simiana" fis-7 ta' Novembru 1949;

Il-kwistjoni, għalhekk, hija jekk bejn il-ħalliel u r-riċettatur tal-ħaġa misruqa hemmx kompliċità, li tista' tiġi rigwardata taħt żewġ aspetti, ċjoè jekk il-ħalliel hux kompliċi tar-riċettatur fir-reat tar-riċettazzjoni, jew jekk ir-riċettatur hux kompliċi tal-ħalliel fir-reat ta' serq. Fid-dottrina u filġurisprudenza l-aktar li ġie kunsidrat huwa dan l-aspett ta' l-aħħar;

Il-kwistjoni hi gravi, u sa ċertu pont tista' anki tissejjaħ "vexata quaestio". A propożitu tagħha l-Carrara (Progr. Parte Spec. Vol. IV, p. 382, para. 2251) igħid :— "Evvi tuttora una forma speciale che porge argomento di controversia, e questa è la ricettazione di cose furtive, nella quale gli antichi ravvisavano senza esitazione un fatto di complicità, mentre i moderni si sono divisi in due schiere";

Id-dottrina antika li r-riċettatur hu kompliċi tal-ħalliel ġiet minn dawn l-awturi bażata fuq il-Liġi Rumana, ċjoè il-L. 14 C. de furtis, kif jidher mill-insenjamenti tal-Weruher (Observationum, Vol. 4, Constit. 40, definit. 3 u 4), tal-Menckenio (Systema juris civilis secundum Pandectas, lib. 47, tit. 2, parag. 12), u oħrajn, fosthom il-prattiċi antiki Baselico, Dec. 40, Panimolle, dec. 103, u Rolando a Valle, Cons. 45, lib. 1. Fost il-fawturi ta' din id-dottrina hemm anki xi awtur relativament modern, bħal Noisen (De la Complicité, p. 78). Verament id-dottrina Franċiża in propożitu tista' tiġi spjegata bil-fatt li fil-Kodiċi Franċiż ta' l-1810 ma hemmx distinzjoni bejn dik li dottrinalment tissejjaħ riċettazzjoni sempliċi (ċjoè bla ftehim preċedenti mal-ħalliel) u l-każ tar-riċettatur b'akkordju preċedenti, u l-piena tal-kompliċità fisserq ġiet estiża anki għar-riċettazzjoni vera u proprija, ċjoè għar-riċettazzjoni sempliċi—sistema, per altro, kritikat mill-maġġuranza ta' l-iskritturi Franċiżi (ara Manuale di Diritto Penale, Gabriele Pincherle, p. 417);

Il-Carrara stess, fl-Opuscoli, Vol. 3, Opusc. 53, Ediz. Giusti 1870, ipproponja teorija li forsi ma tantx, meta wieħed iħares lejha l-lum, tidher li sabet favur; u rritjena li r-riċettatur kellu l-figura ta' "continuatore del furto" — kelma li ma tantx tista' tiftiehem tajjeb ġuridikament, u li forsi kellha favur tagħha pjuttost l-awtorità personali indiskutibili tal-Carrara milli xi veru fondament ġuridiku. In effett, Carrara kien qiegħed jikkunsidra r-riċettatur bħala kompliċi, għax fl-istess "Opuscolo" jgħid, "rotundis verbis", "io dico, con Bartolo, 'videtur furari' ", u band'oħra, fejn fl-opera tiegħu prinċipali fuq insenjamija jeżamina t-teorija ta' l-awtur Hunnius, u jikkritikaha, hu jerġa' jgħid :— "Ma il compratore che piglia per sè la cosa mia con animo di farla sua

è un vero ladro, e non mi rimuovo da questa opinione";

Ma jidher, però, li d-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana segwiet dan i-indirizz. Il-Giuliani (Istituzioni di Diritto Criminale, p. 218) igħid :— "Nondimeno, essendo atti posteriori al misfatto, non isfuggono alla regola generale che non può riconoscere complicità in una volontà che aderisce quando l'azione è già irrevocabilmente commessa". Il-Pincherle, loc. ċit., igħid :— "La ricettazione senza previa intelligenza è un reato 'sui generis', tanto per il Codice del 1859, quanto per il Codice Toscano. Ed a ragione, poichè questo fatto, per quanto odioso, non fu un impulso al reato, non ne fu una delle cause, ma accedette al medesimo dopo che era consumato................" Il-Maino jgħid (Comm. Cod. Pen. Ital., Ital., art. 421, para. 1985) :— "La ricettazione va pure distinta dalla partecipazione al reato principale";

Hekk ukoll, milli jidher, il-ġurisprudenza Taljana. "Il reato di ricettazione di cose furtive, senza precedente trattato od intelligenza con l'autore del furto, è un reato 'sui generis' che esiste successivamente al furto, ma per circostanze materiali e morali diverse, mentre la ricettazione previa intelligenza si risolve in complicità" — Cassazione Palermo 16 luglio 1866, Sciara, Ann. Giur. Ital. 1867, Vol. I, 2, 249). U "la ricettazione di cose furtive senza precedente trattato od intelligenza costituisce un delitto per sè stante, né sono applicabili alla stessa la teoria e le pene proprie della complicità" — Cassazione Palermo, 3 dicembre 1866, Arno, idem 1866, Vol. I, 2, 228);

Kwantu għas-sistema ġuridiku Malti, għandu jingħad l-ewwaeinett illi, b'ligi, ir-reat ta' riċettazzjoni huwa kunsidrat mhux bħala forma ta' kompliċità fis-serq, imma bħala reat per sè stante (art. 348 Kap. 12), għalkemm hu punibili bil-piena tas-serq skond il-valur tiegħu. Dan hu, s'intendi, dak li d-dottrina ssejjaħ riċettazzjoni sempliċi, ċjoè bla akkordju preċedenti mal-ħalliel; għax diversament din taqa' taħt forma ta' kompliċità;

Il-ġurisprudenza Maltija segwiet it-teorija li r-riċettazzjoni sempliċi ma hix forma ta' kompliċità. Hekk fis-sentenza "Rex vs. Azzopardi", 23. 1. 1911, Vol. Dec. anno 1911,

pag. 15, l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino qal :— "La semplice ricettazione, come atto posteriore, sebbene pedissequo al delitto, non riveste i caratteri della complicità". L-Imħallef sedenti, fis-sentenza minnu mogħtija, "Pul. vs. Fenech" 8 ta' Mejju 1937, segwa l-istess teorija, u qal :— "Għalkemm id-delitt ta' riċettazzjoni huwa strettament konness mad-delitt tas-serq, tant li fid-Dritt Ruman kien jingħad li ma kienx ikun hemm min jisraq kieku ma kienx hemm riċettaturi — "non furta et spolia exerceri possent nisi sint qui refugium praestent furesque occultent" — eppure r-riċettazzjoni hija delitt mhux ta' kompliċità f'serq, imma delitt għalih, u bħala tali hu kontemplat fil-liġi. Dan jingħad għall-każ ta' riċettazzjoni sempliċi, ċjoè dik li, għalkemm doluża, issir mingħajr ma kien hemm qabel is-serq l-akkordju li jiġu riċettati l-oġġetti provenjenti mis-serq; għaliex, meta jkun hemm dan l-akkordju, allura jista' jkun hemm kompliċità b'istigazzjoni ..............." L-Imħallef Dr. Lewis Camilleri (il-lum President), fis-sentenza "Pul. vs. Bugelli", 24. 1. 1942, iċċita b'approvazzjoni s-sentenza ta' l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino;

Kif ingħad, l-attenzjoni ta' l-Imħallef sedenti ġiet rikjamata għas-sentenza minnu mogħtija fil-kawża "Pulizija vs. Simiana", 7. 11. 1949, u hu għalhekk eżamina dik is-sentenza u d-depożizzjonijiet dwar il-fatti ta' dak il-każ. Simiana kien ġie imputat ta' riċettazzjoni, u xehdu kontra tiegħu l-ħallelin ta' l-oġġetti riċettati minnu. Il-punt sollevat f'din il-kawża ma jidhirx li ġie kunsidrat fil-kawża ta' Simiana "ex professo", għad li l-Imħallef sedenti ddikjara f'dik il-kawża li kien qed jikkunsidra l-ħallelin f'dak il-każ bħala kompliċi u estenda l-indaġini tiegħu għall konferma jew le tax-xhieda tagħhom. Però, mill-eżami tal-provi f'dak il-każ jidher illi, għalkemm l-imputazzjoni kienet ta' riċettazzjoni, l-imputat kien jaf bis-serq li minn ġurnata għall-oħra kien qiegħed isir minn dawk il-ħallelin ta' "hub caps" tal-motor cars. Hu kellu garage, fejn kien impjegat wieħed minnhom, u fil-kors tad-diversi furti kien jgħidilhom "oqgħodu attenti li ma tinqabdux" (ara fol. 15 tal-proċess l-ieħor). Kien għalhekk li l-Imħallef sedenti deherlu f'dik il-kawża li kien il-

każ ta' l-applikazzjoni tar-regola tal-konferma tax-xhieda talkomplići. U in propżitu għandu jiġi rilevat illi preċiżament wieħed mill-każijiet fejn talvolta r-riċettatur jista' jitqies komplići (ara Pincherle, loc. cit.), hu dak li fih ir-riċettazzjoni tkun abitwali, fis-sens illi r-riċettatur ikun għamel dik li l-Carrara fuq dan il-punt isejjaħ "promessa generale", ċjoè ma jiftiehmx mal-ħalliel speċifikatament għar-rigward ta' serq partikulari, imma jħallih jifhem li, jekk jisraq it-tali ħaġa, hu lest biex jixtriha — kif kien dan il-każ ta' Simiana, li fih l-imputat kien ta ad intendere lill-ħallelin li hu kien lest jixtri minn għandhom il-"hub caps" li jirnexxilhom jisirqu, mhux bi kliem espress, imma bil-fatt u bl-atteġġjament tiegħu;

Dan il-każ ta' Simiana kien eċċezzjonali, u ma għandux jaffettwa l-prinċipju ġenerali fil-każijiet normali;

Kwantu għall-aspett l-ieħor, tal-kompliċità tal-ħalliel firreat tar-riċettazzjoni, jista' jiġi xi dubju; għaliex, f'ċertu sens, il-ħalliel li jbiegħ il-ħaġa misruqa jkun qed jipparteċipa attivament, bħal ma jagħmel il-komplići, fl-element materjali tar-riċettazzjoni konsistenti filli jiġi dispost mill-ħaġa misruqa; u għandu komuni mar-riċettatur, sebbene taħt aspett ieħor, il-konjizzjoni tal-provenjenza delittwuża tal-ħaġa. Iżda anki hawn tidher aktar attendibili t-teorija tan-"non complicità" enunċjata mill-Maino (art. 421, para. 1985) b'dawn il-kliem:— "Chi abbia concorso al reato principale come correo o come complice non commette nuovo reato, ma solo continua le conseguenze del reato commesso". S'intendi, anki fuq dan l-aspett ma naqsux l-opinjonijiet diskordanti; tant li l-Carrara (loc. cit., nota 1) jsemmi ġudikat, rivedut però mill-Kassazzjoni, li fih ingħataw njentemeno żewġ pieni lill-ħalliel, waħda talli seraq u l-oħra bħala riċettatur meta ddispona mill-ħaġa misruqa;

Fis-sistema Ingliż, il-ħalliel hu kunsidrat bħala komplići. L-Archbold — Crim. Plead. Evid. & Pract., p. 754 — jiċċita s-sentenza "Rex v. Robinson", 4 F. & F. 43, fejn jingħad:— "Where the only evidence against the alleged receiver is that of the thief, the presiding judge will advise the jury to acquit" (ara 1949 edit., p. 754). Aktar 'il quddiem,

meta dan l-awtur jghaddi biex jitkellem fuq l-element intenzjonali tar-riċettazzjoni, jghid :— "This is proved either directly, by the evidence of the principal felon, which should be corroborated, ..............";

Fl-English and Empire Digest, Vol. 14, p. 4, hemm ċitata s-sentenza "Rex v. Jennings" (1912), 7 Cr. App. Rep. 242, C.C.A., li qalet hekk :— "Where on the trial of a charge of larceny the only evidence against defendant is that of a person who received the stolen property, and there is a suspicion that he knew that the property was stolen, his evidence must not be left to the jury as that of an untainted witness, but they should be warned that, if they think that he was an accomplice, there ought to be corroboration of his story". Hu utili li jiġi notat li din is-sentenza tirriferixxi ghall-aspett l-iehor ta' kompliċità, ċjoè imputat il-halliel u xhud ir-riċettatur;

F'monografija li dehret fin-numru 5, Vol. IX, tar-rivista ġuridika "The Magistrate", Sept.-Oct. 1950, dwar ir-reat tar-riċettazzjoni, taht it-titolu "Receiving", hemm dan :— "The thief's evidence, however, like that of an accomplice, is suspect, and if it stands alone, the accused must be acquitted";

Ma hemmx dubju, ghalhekk, li fis-sistema Ingliż il-halliel u r-riċettatur huma kunsidrati, kwantu ghan-neċessità tal-konferma tax-xhieda taghhom, bhala kompliċi;

Qabel ma l-Imhallef sedenti jghaddi biex jaghti l-fehma tieghu dwar x'ghandha tkun fis-sistema Malti l-pożizzjoni legali f'din il-kwistjoni, hu utili li jsiru żewġ konsiderazzjonijiet : wahda, illi n-neċessità tal-konferma tax-xhieda tal-kompliċi hi ispirata mill-konsiderazzjoni, hekk espressa minn Warburton and Grundy, Leading Cases in the Criminal Law, p. 23, "the evidence of an accomplice, although admissible, is naturally regarded with very great suspicion, as the witness is necessarily a person of damaged character, and presumably anxious to save himself and please the authorities"; u l-ohra illi d-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali Malti dwar il-konferma tax-xhieda tal-kompliċi (subart. 3 ta' l-art. 635 Kap. 12) ġiet aktarx mudellata fuq id-dritt probatorju Ingliż, kif inhi sostanzjalment il-proċedura penali Maltija;

Premessi dawn ir-riċerki dottrinali u ġurisprudenzjali, l-Imħallef sedenti hu ta' opinjoni *illi* fis-sistema *ġuridiku* Malti, peress li r-reat tar-riċettazzjoni hu, b'liġi, kunsidrat bħala reat "per sè stante", b'dispożizzjoni appożita, u peress li, almenu *mill-1911* 'l hawn (data tas-sentenza ta' l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino) il-Qrati Tagħna segwew it-teorija li ma hemmx bejn ħalliel u riċettatur kompliċità, għalhekk għandu jiġi ritenut li, teknikament almenu, ma hemmx din il-kompliċità, salvi xi każijiet b'fattezzi eċċezzjonali li minħabba fihom ir-riċettazzjoni ma tibqax dik li dottrinalment tissejjaħ "*ricettazione semplice*", imma ssir forma ta' kompliċità. Kwindi ma għandhiex, in linea di massima, tapplika r-regola tal-konferma tax-xhieda tal-kompliċi msemmija fit-tielet subartikolu ta' l-art. 633 tal-Kap. 12, u għalhekk tapplika, inveċe, ir-regola tat-tieni subartikolu ta' l-art. 633, li xhud wieħed, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, huwa *prova* sufficjenti ;

Però, peress li ma jistax jiġi negat li bejn is-serq u r-riċettazzjoni hemm konnessjoni ferm stretta, u r-reat wieħed hu pedissekwu ta' l-ieħor, u peress li r-riċettatur jew il-ħalliel, skond il-każ, jippreżenta ruħu, appuntu għaliex tali, bħala xhud suspett u li jista' jkollu interess, għalhekk l-Imħallef sedenti jaħseb li ma jkunx prudenti u lanqas konsiljabili, sija għall-Imħallef togat sija għall-Imħallef popolari filġudizzju bil-ġurati (naturalment fuq istruzzjonijiet ta' l-Imħallef togat fl-indirizz dwar dan il-pont), li l-ġudikant joqgħod fuq ix-xhieda biss tar-riċettatur jew tal-ħalliel, meta *din ma tkunx sostnuta b'xhieda diretta, jew indiretta ("circumstantial")*, jew inkella korroborata bix-xhieda ta' l-istess imputat, jew anki bl-atteġġjament tiegħu fiċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari (ara R. v. Needcraft, 23 Cr. App. R. 116). S'intendi, din il-korroborazzjoni li wieħed jistenna, mhux bħala regola assoluta u tabilfors, iżda, kif ingħad, bħala ħaġa *prudenti u konsiljabili*, ma hemmx bżonn li tkopri dak kollu li jgħid ix-xhud sospett, imma biżżejjed li tikkonferma xi partikulari sostanzjali li jimplikaw l-imputat fir-reat. Il-korroborazzjoni, però, ma tiġix mix-xhieda ta' xhud ieħor li jkun

fl-istess pożizzjoni tax-xhud sospett, ċjoè ħalliel ieħor jew riċettatur ieħor;

Fil-każ preżenti, għar-raġunijiet perspikaċement indikati mill-Maġistrat, din il-Qorti hi soddisfatta li l-appellant akkwista oġġetti provenjenti minn serq, u li kkonkorra fih, fil-waqt ta' l-akkwist, l-element psikiku tar-reat tar-riċettazzjoni, ċjoè ix-xjenza tal-provenjenza delittwuża ta' dawk l-oġġetti. Ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti ttraskurat ix-xhieda ta' l-appellant, għaliex anzi l-argumenti tagħha, komprizi dawk in elaborazzjoni ta' l-element psikiku, kienu bażati fuq ċirkustanzi deposti mill-istess imputat; b'mod li l-korroborazzjoni tax-xhieda tal-ħallelin instabet u tinsab fix-xhieda stess ta' l-imputat;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.